# Magistrat
# Dottor Consuelo Scerri Herrera LL D

**Il-Pulizija**
**Spettur Louise Vella**
**Spettur David Galea**
**v**

**MARK TALIANA**

**Illum, 17 ta' Dicembru, 2001.**

**II-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARK TALIANA** ta' dsatax il-sena bin Joseph u Dolores nee Frendo, imwieled Pieta nhar s-sitta w ghoxrin ta' Mejju, 1981 u joqghod 'Joedor', Triq Sant'Antnin, San Gwann, detentur ta1-karta tal-identita numru 270481M gie mressaq quddiemha akkuzat talli nhar s-sitta w ghoxrin ta' Settembru, 2000, bejn l-hamsa w s-sebgha ta' filghodu, fl-inhawi ta' Kennedy Grove,

1. bi vjolenza kkommetta stupru taq il-persuna ta' Claire Louise Bowen ta' nazzjonalita Ingliza;

2. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, bla ordni skond l-ligi ta' awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm jew issekwestra lil imsemmija Claire Louise Bowen kontra l-volunta taghha u dan bhala mezz biex l-imsemmija tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha; u

3. talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi offenda l-pudur jew il-morali b'ghemil li sar f'lok pubbliku u/jew f'lok espost ghal pubbliku.

Rat d-dokumenti esibiti fosthom l-artikoli mibghuta mill-Avukat Generali nhar s-sebgha w ghoxrin ta' Frar, 2001, liema artikoli jinsabu nseriti fl-atti a fol 242, fejn l-Avukat Generali deherlu li tinstab htija fil-konfront tal-imputat skond l-akkuzi hemm indikati.

Rat n-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat kif registrata fis-seduta tas-sitta w ghoxrin ta' Marzu, 2001 li jigi gudikat minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi fl-ewwel lok l-Avukat Generali akkuza lil imputat fuq akkuza ta' stupru kif kontemplat fl-artikolu 198 tal-Kodici Penali.

Illi minn ezami ta' dan l-artikolu jirrizulta li l-Prosekuzzjoni trid tipprova zewg elementi u cioe;

a. l-att sesswali;
b. maghmul kontra l-volunta tal-vittma bi vjolenza.

Skond l-**Professur Mamo fin-Noti** tieghu ***The Criminal Law,*** jghid li l-vjolenza huwa l-element karatteristiku tar-reat ta' stupru u fil-fatt huwa l-element baziku w intrinsiku ta' dan r-reat.

**Maino**, il-gurista Taljan, fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale - Vol 3 - pagni 178 u 179*** jghid:

*"L indagine caratteristico del delitto si riduce a questo, di determinare se la congiunzione carnale sia avvenuto*

*contro la volonta della vittima, e nonostante quella che secondo le sue forze fisiche e la sua energia morale ha potuto fare. Tutto il resto si riduce ad un apprezzamento della circostanze del fatti che rientra nelle nozioni piu ovvie della vita."*

Fit-tieni lok, l-imputat gie akkuzat bir-reat kif kontemplat fl-artikolu 86 tal-Kap 9 kif agravat bl-artikolu 87(g) u cioe li delitt ta' arrest, detenzjoni jew sekwestru kontra l-ligi sar bhala mezz biex l-allegata vittma tigi mgieghla taghmel xi haga jew toqghod ghal xi haga li toffendi l-misthija tas-sess taghha.

L-artikolu 86 tal-Kap 9 jipprovdi li:

*"Kull min bla ordni skond l-ligi ta' l-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, jarresta, jzomm jew jissekwestra lil xi persuna kontra l-volunta taghha jew jaghti l-post biex fih din il-persuna tigi mizmuma jew ssekwestrata."*

Illi ghalhekk minnufih jirrizulta li bniedem jista jinstab hati ta' din l-akkuza una volta u principalment m'ghandux ordni skond l-ligi

ta' awtorita kompetenti u dan hu partikolari, li l-imputat ma kellux awtorita skond l-ligi ta' awtorita kompetenti biex jarresta lil xi hadd. Izda minn naha l-ohra jista jinghad li dan b'xi mod arresta, zamm jew issekwestra lil Claire Louise Bowen?

Din il-Qorti tara li l-elementi tal-artikoli rilevati ghal dan il-kaz huma tnejn ghal dak li jirrigwarda definizzjoni. L-ewwel element hu dak ta' sekwestru ta' persuna u t-tieni hu li tali sekwestru jista jsir kontra l-volunta tal-persuna sekwestrata. L-ewwel element ta' sekwestru jinkludi fil-fehma tal-Qorti t-tehid jew t-trasport ta' persuna minn persuna ohra. Hemm diversi forom li dan jista jiehu u l-aktar wiehed komuni hu dak ta' fejn bniedem jigi mehud bil-forza. Izda dan mhux l-uniku tip ta' agir li jinkwadra f'dan r-reat kif donnu ried jfhiem l-Avukat Difensur lil din il-Qorti.

Huwa ovvju li hemm diversi metodi li jnehhu d-dritt ta' persuna ghal moviment liberu u taghha u dan huwa t-tifsir tal-kelma "sekwestru " f'dan il-kuntest. Dan huwa wkoll evidenti mill-intestatur tas-sub artikolu tal-Kap 9 li tahtu jaqa dan l-artikolu - l-uzu kontra l-ligi mill-privat tas-setghat tal-awtorita pubblika jindika li taht dan l-Kap jaqa agir li jekk kommess minn min ghandu awtorita ma jkunx punibbli.

Il-gurista Taljan **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commento al Codice Penale*** jikkummenta fuq l-artikolu 146 li huwa bhal l-artikolu 86 taghna a fol 112 paragrafu 788 Vol II billi jghid:

*"Il sequestrato richiede che la privazione della liberta sia assoluta e avvenga in circostanze tali da tagliere alla vittima ogni possibilita' di scampo o di soccorso."*

**Antolisei** fil-ktieb tieghu ***Manuale di Diritto Penale Ediz. 1977 pagna 134*** jghid:

*"Le fatti specie del delitto in parole si realizza anche se la privazione della liberta non e' totale na occorre che al paziente sia reso del tutto impossibile ogni via di scampo. E necessario per altro che la perdita della liberta si protragga per un periodo di tempo di un certo rilievo."*

Element importanti ghal ezistenza ta' dan r-reat kif imsemmi fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tlieta w ghoxrin ta' Jannar, 1998***, fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Andrew**

**Bonnici** huwa li bniedem jrid jkun ittiehed fil-post kontra l-volunta tieghu.

Fit-tielet lok l-imputat huwa akkuzat bir-reat ta' offiza ghall-pudur jew ghal morali maghmula fil-pubbliku kif kontemplat fl-artikolu 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Kif gie deciz fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar s-sebgha ta' Novembru, 1949*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Ferdinand Grima,** il-Prosekuzzjoni trid tipprova l-ezistenza ta' dan r-reat u cioe :

a. li l-imputat ghamel atti li joffendu l-pudur jew il-morali u mhux li l-ghemil in kwistjoni ikun fih innifsu ghemil zieni;
b. f'lok pubbliku jew f'lok espost ghal pubbliku.

L-element intenzjonali ta' dan r-reat jkun sodisfatt jekk l-att offensiv tad-decenza jkun voluntarju minghajr ma hu mehtieg d-dolo specifiku. X'jikkostitwixxi atti li joffendu l-pudur jew il-morali irid jigi stabbilit minn kaz ghal kaz ghaliex kif gie ritenut fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tmienja ta' Jannar,***

***1996*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Raymond Caruana**, l-ligi taghna fl-artikolu 209 evitat l-ispecifikazzjoni tal-attijiet ta' libidini jew impudici jew oxxeni u kkuntentat bil-lokuzzjoni ta' att li joffendi l-pudur jew il-morali.

Ghalhekk hu bizzejjed li l-atti jkun tali li joffendi s-sens tad-decenza fil-grad tali li wiehed jista jghid li jnissel jew jista jnissel. Kif fil-fatt jghid l-**Antolisei** fil-ktieb tieghu fuq imsemmi (Vol 1 pagna 456)

*" Un senso di disagio, disgusto o repulsione."*

Skond l-**Imhallef Harding** kif ritenut minnu fis-sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar t-tnax ta' Gunju, 1959*** fil-kawza fl-ismijiet **The Police v William St. John**, jekk att jitqiesx bhala tali li joffendi l-unur pubbliku il-gudikant ghandu jara jekk l-atti kienux l-effett ta' zbandatezza jew ta' non kuranza jew ta' nuqqas ta' rigward jew jekk ghal kuntrarju jkunux atti li intrinsikament joffendu d-decenza u li jkunu gew maghmula deliberatament sabiex minn jghamilha, jaghti zfog ghal volji laxxivi tieghu jew ta' haddiehor.

Bl-espressjoni "lok espost ghal pubbliku " fl-artikolu 209, iol-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija mill-***Qorti tal-Appell Kriminali nhar l-hamsa ta' Dicembru, 1997*** fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v George Xuereb**, fejn dik il-Qorti ddecidiet li:

> *"Hu evidenti li l-legislatur ma riedx jillimita ruhu semplicement ghal postijiet pubblici jew ghal postijiet li jkunu privati izda 'accessibbli ghal pubbliku' izda ried jinkludi postijiet privati li go fihom terzi persuni jkunu jistghu, noralment jittawwlu u jaraw x'ikun qed jigri, sia jekk dan t-terzi jkun fit-triq, fuq bjut jew fi twieqi."*

Jinghand 'normalment' fis-sens li dak li jkun qed jigri f'edan il-lok privat ikun vizibbli ghal terza persuna minghajr ma din jkollha bzonn tuza xi apparat straordinarju bhal titla ma xi hbula, slielem jew kaxxi.

Illi ghalhekk wara li l-Qorti ghamlet apprezzament tal-ligi w indikat dak li l-Prosekuzzjoni kellha tipprova rigward kull akkuza, ser taghmel apprezzament tax-xhieda prodotta sabiex tara jekk l-fatti specie tal-kaz kif rizultanti mix-xhieda mismugha jammontawx ghar reati in dezamina.

Illi l-Qorti ghalhekk trid tara in konformita mal-artikolu 637 tal-Kap 9 jekk ix-xhieda prodotta ghandhix mis-sewwa, jekk hiex konsistenti, tiehu qies tal-imgieba, kondotta u karattru ta' kull xhud u ta' fattizi ohra tax-xhieda tieghu b'mod partikolari jekk ix-xhieda hiex imsahha minn xhieda ohra u finalment tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Illi mill-provi prodotta jirrizulta li fil-lejl ta' bejn il-hamsa w ghoxrin w sitta w ghoxrin ta' Settembru, 2000 l-imputat kellu x'jaqsam sesswalment ma Claire Louise Bowen fil-vettura tieghu waqt li kienu Kennedy Grove.

Illi pero Claire Louise Bowen tghid li dan sar kontra l-volunta taghha u bi vjolenza filwaqt li l-imputat jammetti sa mill-bidu nett tal-investigazzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva li kellu x'jaqsam maghha bil-volunta tat-tnejn.

Claire Louise Bowen l-ewwel irrilaxxjat stqarrija quddiem l-Ufficjal Prosekutur fis-sitta w ghoxrin ta' Settembru, 2000 markata bhala dokument CIB a fol 26 tal-atti, liema stqarrija giet konfermata bil-gurament quddiem l-espert nominat mill-Qorti Dottor Yana

Micallef Stafrace ftit wara. Illi sussegwentement xehdet il-Qorti viva voce f'zewg okkazzjonijiet fit-tmienja w ghoxrin ta' Settembru, 2001.

Illi ghall-ewwel fl-istqarrija u fl-inkjesta Claire Louise Bowen tispjiega u tghid li hija iltaqghet mal-imputat go bar bl-isem Red Rum, bdiet titkellem mieghu, tizfen mieghu u tbusu. Wara marret dawra mieghu bil-vettura tieghu li tiddeskrivi bhala Ford Piesta bajda u staqsieha biex jakkumpanjha ghal bar li jkun miftuh erbgha w ghoxrin siegha kuljum (ara fol 26 tal-atti). Pero minflok, hadha post iehor mdawwar bis-sigar u kontra r-rieda taghha. Spjiegata kif l-imputat waqqaf il-karozza, nizel minnha, dahal fin-naha taghha, mar fuqha u stuprha. Hija ppruvat tirresistih pero wara ftit spjiegat li ghajjiet u ghalhekk ma offrietlux aktar rezistenza. Wara li l-imputat spicca l-att sesswali hija nizlet mill-vettura u telqet bil-mixi lura lejn l-gharus taghha. Hija spjiegat li dak il-lejl kienet xorbot zewg lagers fil-bar bl-isem Misty Blue, u tlett Vodka bl-orange u tlett lagers ohra fil-bar Red Drum. Fil-bar ma gemba kien hemm diversi nies u spjiegat l-atmosfera bhala wahda pacifika.

Aktar tard fix-xhieda taghha hawn fil-Qorti hija stqarret li kienet taf li l-Internet Café bar kien kantuniera boghod pero qalet li xtaqet tirkeb mal-imputat ghaliex kienet liebsa tkaken gholja.

Mistoqsija mill-Avukat Difensur jekk l-intenzjoni taghha meta telqet mill-bar Red Drum kienetx li tmur fl-Internet Café, wiegbet fl-affermattiv. Qalet li ma kienetx fis-sakra ghalkemm kienet soda fuq saqajha. Ammettiet li waqt li kienet fil-bar Red Drum kienet qed tizfen mal-imputat li '*she was all over him*.' Mistoqsija tispjiega l-agir taghha u cioe li thalli zewg uliedha d-dar mal-gharus taghha, tohrog mal-habib ta' zewgha u tintilef fuq ragel barrani Claire Louise Bowen ma kienetx f'posizzjoni li tispjiega ghaliex gabet ruhha hekk. Qalet pero li fil-vettura tal-imputat dahlet b'mod voluntarju.

**Michael Francis McGoldrick**, il-habib tal-gharus ta' Claire Louise Bowen **xehed** kontra qalbu u stqarr li fil-lejl in kwistjoni huwa kien fil-bar Red Drum mal-imputat, Claire Louise Bowen u ragel spanjol. Stqarr li Claire Louise Bowen ta' spiss kienet tmur f'dan il-bar waqt li kienu ghal vaganzi hawn Malta. Spjiega li Claire Louise Bowen kienet amichevoli hafna mal-imputat waqt li kienet fil-bar tant li kienet '*in his arms*'. Qal li Claire Louise Bowen iddecidiet li titlaq mill-post wahedha mal-imputat ghalkemm kienu mifthemin li kellhom jiltaqghu fl-Internet Café aktar tard. Spjiega li kien normali ghal Claire Louise Bowen li tiffrekwenta bars minghajr l-gharus taghha, izda fil-kumpanija tieghu. Il-fatt li huwa habib tal-gharus taghha, ma

ddejjaqx jarha f'id ragel iehor. Stqarr li Claire Louise Bowen kienet xorbot hafna u f'xi hin anke rat id l-imputat fuq spallejha.

**Ramon Martyn**, dak deskritt bhala r-ragel spanjol **xehed** w kkonferma li dakinhar huwa kien telaq mill-bar Red Rum flimkien ma Michael Francis McGoldrick waqt li Claire Louise Bowen telqet mal-imputat. Kkonferma li waqt li kien fil-bar, Claire Louise Bowen kienet qed tizfen fuq l-imwejjed u tgholli d-dublett taghha. Shabha bdew jghajjtu, nizlet minn fuq l-mejda u bdiet tbaghbas lil imputat billi poggiet idejha fuq koxxtu u spalltu. Hija kienet liebsa dublett qasir iswed u flokk bla kmiem. F'hin minnhom l-erbgha li huma iddecidew li jmorru jiehdu drink fl-Internet Café. Huwa telaq ma Michael waqt li l-imputat u Bowen telqu flimkien pero qatt ma waslu l-Internet Café.

Illi Claire Louise Bowen u l-imputat gew ezaminati forensikament minn Doctor Mario Scerri u l-istess espert kkonstata li l-imputat ma kellux lezjonijiet friski filwaqt li Claire Louise Bowen kellha xi tbengil vjola li x'aktarx saru ftit sighat qabel u li kienu kompatibbli ma swaba pero mhux *grip marks*, cioe tbengil akkumpanjat minn tbengila maghmula minn *opposing thumb*. Illi

lezjonijiet fuq il-partijiet genitali taghha li normalment jinstabu f'kazijiet ta' *intercourse* aggressiv ma kienx hemm.

Qal li kellha riha qawwija ta' xorb u huwa ezaminha waqt li kienet liebsa l-istess hwejjeg li kellha waqt l-allegat stupru.

L-imputat irrilaxxja stqarrija a tempo vergine tal-investigazzjoni liema stqarrija tinsab esibita fl-atti a fol 90 w mmarkata bhala dokument DG. Minnn ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li dakinhar tas-sitta w ghoxrin ta' Settembru, 2000 kmieni filghodu waqt li kien fir-Red Drum bar, Ramon qabad lil Claire Louise Bowen minn idejha u gibidha lejh. Hi minnufih staqsietu biex jizfen u bdew jizfnu quddiem il-bar f'nofs il-hanut. Huma baqghu jixorbu u jizfnu sa xi l-hamsa w nofs ta' filghodu. Meta wasal l-hin tal-gheluq, huma ddecidew li jmorru jiehdu drink fl-Internet Café flimkien ma Michael u Ramon. Huwa telqu bil-pass. Minnufih appena rikbet staqsietu biex jmorru x'imkien ghal kwiet. Huwa ghalhekk saq ghal Kennedy Grove u malli wasal u tefgha l-karozza, hija qabdet idejha u poggietha fuq koxxtu u talbitu biex imur fuqha. Huma ghalhekk bdew jmissu lil xulxin u jinnamraw. Finalment kellhom x'jaqsmu ma xulxin u wara li spiccaw l-att sesswali, hija bdiet tghajjat u tghid li kellha zewgt itfal u telqet bil-mixi. Mistoqsi mill-

Ufficjal tal-Pulizija a tempo vergine jekk kellux x'jaqsam maghha b'forza kontra l-volunta taghha, huwa wiegeb fin-negattiv.

**L-imputat xehed wkoll viva voce l-Qorti** nhar s-sbatax ta' Mejju, 2001 w kkonferma l-istqarrija tieghu u zied jghid li ma kienx jaf li kellha zewgt itfal.

Illi l-Qorti ghamlet apprezzament tal-fatti u thoss li x-xhieda moghtija mill-imputat ghandha aktar mis-sewwa, hija konsistenti, attendibbli u bla dubbju ta' xejn, kredibbli, filwaqt li x-xhieda ta' Claire Louise Bowen thalli hafna dubbji f'mohh il-gudikant u l-Qorti ma thossiex vero simili li tfajla b'zewg itfal d-dar, fil-kumpanija ta' habib ta' zewgha, taqbad tittanta lil imputat billi tbusu, tizfen mieghu u toqghod imdendla mieghu, tigi stuprata minnu.

Illi c-cirkostanzi huma tali li kienet Claire Louise Bowen li attirat l-attenzjoni tal-imputat u li hajjritu tant li gibditu jizfen, qabdet tbusu u tghannqu fil-pubbliku quddiem shab l-gharus taghha. Fl-ebda hin ma ddejjqed, anzi pjuttost l-oppost, tant li bdiet tizfen fuq l-imwejjed, tgholli d-dublett u titbellah. Dan l-agir zgur ma jirriflettix tajjeb fuq tfajla li ghandha zewgt itfal d-dar mal-gharus waqt li hija qed tigri barra.

Il-Qorti hija propensa li temmen lil imputat meta tghid li huwa saq ghal kwiet fuq suggeriment taghha ghaliex kieku kellha xi dubbji mill-imputat, ghaliex ma marritx bil-mixi ma siehibha Michael, meta t-tieni bar kien daqstant vicin ?

Illi l-imputat iddeskriva kif Claire Louise Bowen inducietu biex jkollu x'jaqsam maghha waqt li kienu fil-karozza u spjiega b'mod dettaljat kif graw l-affarijiet.

Illi x-xhieda tieghu hija wkoll korroborata mill-ezami mediku forensiku mizmum minn Doctor Mario Scerri li qal li *grip marks* ma kellhix u li kellha biss xi tbengil frisk.  Biex jkollok x'taqsam f'karozza mhux daqstant facili u komdu u ghalhekk wiehed jispetta xi marki.  Tali marki pero ma humiex indikattivi ta' xi *struggle*, resiztenza jew glied, jikkolloboraw biss il-movimenti li saru fil-vettura.  Il-fatt li ma kien hemm ebda lezjonijiet fuq il-partijiet genitali taghha li normalment jinsabu f'kazijiet ta' *intercourse* aggressiv, wkoll huma indikattivi li ma kienx hemm stupru.  Doctor Mario Scerri wkoll jghid li fl-*umbilicus* taghha kien hemm sustanza li tixbah sperma u l-imputat jghid li ejakula fuq saqqha.  Illi ghalhekk dan il-fattur jikkollobora t-tezi tal-imputat.

Ghaldaqstant **il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi u cioe dawk indikati fin-nota tal-Avukat Generali a fol 242 tal-atti u cioe l-artikolu 198, 86, 87(g) u 209 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li ma ssibx lil imputat MARK TALIANA hati tal-ewwel zewg akkuzi u tilliberah minnhom pero bla ebda dubbju ta' xejn ssibu hati tat-tielet akkuza.**

Dwar il-piena, il-Qorti qiset ic-cirkostanzi u cioe li l-imputat kellu x'jaqsam ma tfajla b'mod sesswali f'karozza f'Kennedy Grove ghall-habta tal-hamsa ta' filghodu, illi ma giex ppurvat li kien hemm xi nies li nghataw xi skandlu jew fil-fatt raw x'kien qed jigri ghalkemm dak li ghamlu l-imputat u Claire Louise Bowen jammonta ghal offiza kontra l-pudur jew il-morali f'lok espost ghal pubbliku. Fic-cirkostanzi ghalhekk il-Qorti ma thossx li l-piena ta' prigunerija hija piena idoneja.

**Ghalhekk il-Qorti qed tikkundanna lil imputat MARK TALIANA ghal hlas ta' multa ta' mitejn lira maltin.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**